MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 83/2010

Paul **Tonna ID 275829M**

**vs**

1. **Joseph Xuereb ID 16534M**
2. **Grazia Bejaoni ID 134665M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Frar 2010, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallus lill-attur is-somma ta' seba' mija u sittin Euro erbgha u hamsin centezmi (€760.54c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenuta Grazia Bejaoni twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta Grazia Bejaoni naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2014, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u sittin Euro erbgha u hamsin centezmi (€760.54c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta Grazia Bejaoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------